6 ta' Mejju, 1946.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Rikors ta' l-Attorney General

*versus*

V. C.

**Aġent tal-Kummerċ — Liċenza — Revoka jew Sospensjoni — Attorney General — Art. 75 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-liġi (art. 75 tal-Kodiċi tal-Kummerċ) tikkontempla l-kondizzjonijiet meħtieġa biex persuna tista' tagħmilha ta' aġent tal-kummerċ u tottjeni l-liċenza relativa minn għand il-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ, kif ukoll il-każi meta dik il-liċenza tista' tiġi revokata jew sospiża.*

*Dik il-liċenza tista' tiġi revokata jew sospiża mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fuq talba ta' l-Attorney General, fost raġunijiet oħrajn, jekk il-possessur tal-liċenza jiġi misjub ħati ta' delitt kontra l-proprjetà jew jiġi fallit, jew jekk il-Qorti tkun soddisfatta li dik il-persuna m[illegible]x kapaċi u tajba biex tkompli tagħmilha ta' aġent tal-kummerċ.*

*Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens illi l-li-*

*ċenza ta' l-aġent tal-kummerċ tista' tiġi revokata jew sospiża mhux biss meta l-aġent jinsab ħati ta' delitt kontra l-proprjetà, jew jiġi fallit, iżda anki meta l-kondotta tiegħu ġenerali hija tali li tiġġustifika r-revoka jew is-sospensjoni tal-liċenza.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' l-Attorney General fejn ippremetta illi V.C. ta'.................... huwa t-titolar ta' żewġ liċenzi maħruġin mill-Kamra tal-Kummerċ biex jagħmilha ta' Commission Agent; illi reċentement l-istess C........... ġie kundannat mill-Qorti Kriminali tal-Maestà Tiegħu għal korruzzjoni ta' minorenni..............; illi skond l-art. 75 (2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 17), biex persuna tkun tista' tieħu liċenza simili tkun trid tipproduċi ċertifikat tal-kondotta tajba mill-Kummissarju tal-Pulizija; illi dik il-liċenza tista' tiġi rtirata jew sospiża minn din il-Qorti jekk it-titolar jiġi pruvat li ma jkunx iżjed persuna kapaċi u tajba biex jagħmilha ta' Commission Agent; illi in vista ta' dik il-kundanna l-imsemmi............. mhux iżjed ta' kondotta tajba, u għalhekk waħda mill-kondizzjonijiet meħtieġa għal-liċenza waqgħet u għalhekk huwa m'huwiex persuna kapaċi u tajba biex tibqa' żżomm dik il-liċenza; u għalhekk talab illi dik il-liċenza ma tiġix imġedda;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-liġi, fl-art. 75 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, tikkontempla l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tingħata liċenza lil persuna biex tagħmilha ta' aġent tal-kummerċ (sezzjoni 2) (a), (b) u (c); u r-revoka jew sospensjoni ta' l-istess liċenza kontemplata fl-istess artikolu (6) (a), (b), (c) u (d). Flewwel parti, konċessjoni tal-liċenza, il-liġi tgħid li din il-liċenza ma tiġix mogħtija ħlief meta :— a) Ikun hemm applikazzjoni bil-miktub; b) ir-rikorrent jissodisfa lill-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ, b'riferenzi bankarji jew kummerċjali, jew b'riferenzi oħra, li huwa persuna "kapaċi u tajba" biex jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ u li għandu konoxxenza biżżejjed tal-liġijiet u użi kummerċjali dwar ix-xogħol, jeddijiet u dmirijiet ta' l-aġenti tal-kummerċ; c) u r-rikorrent iġib lill-istess Kunsill ċertifikat ta' kondotta tajba mill-Kum-

missarju tal-Pulizija;

**Tikkunsidra;**

Illi fl-inċiż (6) l-liġi tgħid illi dik il-liċenza hekk maħruġa tista' tiġi mħassra jew sospiża minn dina l-Qorti fuq rikors ta' l-Attorney General, jekk il-persuna possessur ta liċenza (a) jiġi misjub ħati ta' delitt kontra l-proprjetà; (b) jiġi dikjarat fallut; (c) jaċċetta impjeg taħt il-Kuruna ew f'Bank, jew jiġi mogħti warrant biex jeżerċita professjoni u fil-fatt jeżerċita dik il-professjoni; (d) jiġi pruvat b'sodisfazzjon tal-Qorti li mhux persuna kapaċi u tajba biex ikun aġent tal-kummerċ;

**Tikkunsidra;**

Illi huwa fatt inkontrovers illi........... ġie kundannat mill-Qorti Kriminali tal-Maestà Tiegħu r-Re għall-piena tal-lavori forzati għal korruzzjoni ta' minorenni..............., u għalhekk l-Attorney General jippretendi li dik il-liċenza tiġi revokata peress li............. mhux iżjed persuna kapaċi u tajba biex ikun aġent tal-kummerċ. Għall-kuntrarju C........ qiegħed jopponi dik it-talba, peress illi dan mhux skond il-liġi kif inhi fuq riportata. Is-sottomissjoni ta' C............. qiegħda kollha bażata fuq il-konsiderazzjoni li, kif intqal iżjed 'il fuq, il-liġi għamlet kondizzjonijiet diversi sew għall-konċessjoni tal-liċenza minn għand il-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ, sew għar-revoka jew is-sospensjoni ta' dik il-liċenza minn għand dina l-Qorti. Mentri fl-ewwel każ imponiet illi r-rikorrent li japplika għal-liċenza għandu jġib ċertifikat ta' kondotta tajba minn għand il-Kummissarju tal-Pulizija, fit-tieni lok espliċitament tgħid meta l-Qorti għandha tirrevoka jew tissospendi dik il-liċenza, u l-ewwel nett issemmi l-fatt li l-aġent kummerċjali ġie misjub ħati ta' delitt kontra l-proprjetà jew ġie dikjarat fallut. Huwa intuwitiv illi f'dawn il-każijiet il-liċenza għandha taqa' jew tkun sospiża, salvi każi eċċezzjonali; għaliex jekk l-aġent kummerċjali li jkollu f'idejh interessi kummerċjali ta' ditti esteri ġie misjub ħati ta' delitt kontra l-proprjetà, dak l-aġent ma jistax ċertament ikollu l-fiduċja ta' dawk id-ditti, u s-soċjetà fl-interess tagħha stess ma tkunx tista' tafdalu pożizzjoni

hekk delikata li jkollu f'idejh interessi tan-nies. L-istess jingħad jekk huwa jiġi dikjarat fallut, għaliex allura għandha tieqaf l-attività kummerċjali tiegħu, preċiżament minħabba l-istat ta' falliment li jkun fih;

Illi l-Attorney General issottometta li mentri dawk id-delitti kontra l-proprjetà jew il-falliment huma każijiet li fihom ċertament il-liċenza tista' tiġi rtirata, f'każijiet ta' delitti oħra jiddependi mill-ġudizzju tal-Qorti jekk l-aġent huwiex persuna tajba biex ikompli l-kummerċ. Iżda fuq dan is-sottomissjoni ta' l-intimat hija illi dawk il-kliem fl-inċiż (d) "li mhux persuna kapaċi u tajba biex tkun aġent tal-kummerċ" qegħdin jirriferixxu għall-attività tal-kummerċ ta' l-aġent u mhux għall-kondotta tiegħu;

Il-kwistjoni kollha allura qiegħda imperjata fuq l-eżatta interpretazzjoni ta' l-inċiż (b) ta' l-art. 75 fuq imsemmi, jekk ċjoè dak l-inċiż huwiex qiegħed jirriferixxi sempliċement għall-attività kummerċjali u għall-potenzjalità ta' dik l-attività da parti ta' dak li jirrikorri għal-liċenza, jew inkella għandha tiftiehem li hija ġenerali, biex il-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ jiġġudika jekk ir-rikorrent huwiex taħt ir-rigwardi kollha persuna kapaċi u tajba — "a fit and proper person". Mill-eżami ta' dik id-dispożizzjoni jidher illi l-ġudizzju tal-Kunsill tal-Kamra għandu jaqa' fuq kollox, u mhux sempliċement fuq l-attività jew il-potenzjalità tar-rikorrent għall-kummerċ u għax-xogħol li jkun irid jagħmel; infatti skond l-inċiż (3) huwa għandu jġib ukoll iċ-ċertifikat tal-kondotta minn għand il-Kummissarju tal-Pulizija; u għal-hekk, jekk skond dak iċ-ċertifikat il-Kunsill jara illi għal-kemm ir-rikorrent għandu l-kwalifiki neċessarji biex jeżerċita l-kummerċ iżda ċ-ċertifikat mogħti mill-Kummissarju tal-Pulizija mhux soddisfaċenti, il-Kunsill ma jkunx jista' jiġi sodisfatt li r-rikorrent huwa "a fit and proper person to act as a commission agent". Tant huwa hekk illi dik id-dispożizzjoni fl-emenda li kienet saret permezz ta' l-Ordinanza XXXVII ta' l-1939, il-kliem "a fit and proper person" huma riportati fit-test Malti "illi huwa persuna li jixirqilha li tagħmilha ta' aġent kummerċjali". Kliem li juru l-ħsieb tal-leġis-

latur fl-espressjoni "a fit and proper person", ċjoè persuna "li jixirqilha"; u jekk il-kunsill skond il-karattru u l-kondotta ta' dik il-persuna jidhrilu li ma jixirqilhiex tagħmel dak ix-xogħol, dik il-liċenza ma tistax tiġi mogħtija;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk, meta l-istess artikolu fl-inċiż (6) taħt l-ittra (d) jgħid, fil-każ ta' revoka jew sospensjoni tal-liċenza, "is proved to the satisfaction of the Court not to be a fit and proper person to act as commission agent", il-Qorti għandha teżamina ċ-ċirkustanzi kollha, u mhux biss l-attività kummerċjali ta' dik il-persuna, jew il-potenzjalità għal dik l-attività, għaliex diversament tiġi l-konsegwenza assurda, li ċertament ma riedx il-leġislatur, li għalkemm il-Qorti tara li dik il-persuna għal xi raġuni speċjali sew fil-kondotta tagħha sew fl-abitudini tagħha mhijiex iżjed kapaċi biex tibqa' bħala aġent tal-kummerċ, u lanqas tajba għal dak ix-xogħol, tkun marbuta li peress illi ma jkunx ġie pruvat ebda delitt kontra l-proprjetà, jew ma jkunx hemm id-dikjarazzjoni tal-falliment, ma tkunx tista' tqiegħed ebda rimedju għal dak l-istat addirittura insoddisfaċenti ta' l-affarijiet. Dan jiġi korroborat mill-fatt illi t-test Malti ta' dik id-dispożizzjoni meta saret l-emenda permezz ta' l-Ordinanza fuq imsemmija, jgħid "ikun hemm provi b'soddisfazzjon tal-Qorti li mhux persuna tajba u lanqas xierqa biex tagħmilha ta' aġent kummissjonant"; issa dawk il-kliem "u lanqas xierqa" ma jistgħux jirriferixxu għall-attività kummerċjali ta' dik il-persuna, iżda għal materja oħra, għaliex għal dik l-attività hemm il-kelma "tajba" li qiegħda tagħti s-sinjifikat kollu meħtieġ.

Tikkunsidra;

Illi għalhekk ma hemm ebda kontradizzjoni mill-fatt illi l-leġislatur fl-ewwel żewġ inċiżi ta' dik id-dispożizzjoni semma delitti speċjali, għaliex meta hemm dawk id-delitti li fuqhom l-aġent ġie misjub ħati, allura l-Qorti għandha teżamina jekk in vista ta' dak id-delitt u indipendentement minn ċirkustanzi oħra għandhiex tordna r-revoka jew tissospendi dik il-liċenza; iżda skond l-aħħar inċiż ikun fid-diskrezzjoni tal-Qorti, skond iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li teżamina jekk

huwiex il-każ li tagħti xi provvediment peress illi l-kondotta ġenerali ta' l-aġent tiġi attakkata fuq linja oħra;

Tikkunsidra;

Illi, kif intqal iżjed 'il fuq, V.C. ġie kundannat tad-delitt a' korruzzjoni ta' minorenni, biċ-ċirkustanza aggravanti..................; u għalhekk huwa meħtieġ dan il-provvediment;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' t-talba ta' l-Attorney General fis-sens illi l-liċenzi li għandu V.C. biex jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ għandhom jiġu sospiżi għaż-żmien kollu li huwa jkun qiegħed jiskonta l-piena li għaliha ġie kundannat u għal sena wara li jiġi liberat. F'dani s-sens tipprovdi għal dak ir-rikors; u tordna li din is-sospensjoni għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.